MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2014

Rikors Generali Numru. 602/2013

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors generali ta' A B tal-10 ta' Dicembru 2013 li permezz tieghu qed jitlob l-awtorizzazzjoni sabiex jistitwixxi kawza sabiex jichad lill-minuri imwielda matul iz-zwieg tieghu mal-intimata.

Rat ir-risposta ta' C D B tal-15 ta' Jannar 2014 fejn qed topponi ghal din it-talba peress li r-rikorrent dam tlettax-il sena sabiex jistitwixxi r-rikors generali in dizamina ghalkemm kien jaf mill-ewwel bit-twelid taz-zewg ulied tal-intimata mill-bidunett tat-twelid taghhom. Tghid ir-rikorrenti li z-zewg ulied huma maghrufa bhala ulied ir-rikorrent.

Semghat it-testimonjanza tal-partijiet u ezaminat id-dokumenti minnhom ezebiti.

Semghat it-trattazzjoni tal-Avukati tal-partijiet.

Rat l-atti kollha;

Rat li l-kaz thalla ghallum ghad-decizjoni.

Ikkunsidrat;

Jirrizulta li l-partijiet zzewgu f'Jannar 1999 u sa Gunju tal-istess sena kienu gia' separati *de facto.* Ir-rikorrent mar lura jghix ghand ommu filwaqt li l-intimata bdiet tikkoabita ma' terzi. Ir-rikorrent spjega li minhabba ragunijiet medici huwa ma setax kien missier iz-zewg ulied li l-intimata weldet eventwalment. Anzi jghid li z-zwieg qatt ma kien ikkunsmat tant li kien istitwixxa kawza ghall-annullament taz-zwieg liema kawza giet deciza fis-27 ta' Novembru 2003 li permezz taghha z-zwieg tal-partijiet gie dikjarat null.

Ir-rikorrent jghid li huwa qatt ma iltaqa' maz-zewg ulied tal-intimata filwaqt li l-intimata tghid li kien hemm xi okkazzjonijiet fejn dawn iltaqghu meta kienu ghamlu tentativi biex jirrikonciljaw.
Jirrizulta li f'April 2000 l-intimata harget tqila meta kienet diga *de facto* separata minn zewgha r-rikorrent.

Ikkunsidrat;

**Artikolu 73 tal-Kodici Civili** jipprovdi illi meta ragel mizzewweg irid jichad wild imwieled minn martu, dan ghandu jipprocedi b'kawza mhux aktar tard minn sitt xhur mit-twelid tat-tarbija. L-istess artikolu jipprovdi illi f'kaz li r-ragel ikun irid jipprocedi wara li jkun skada it-terminu ta' sitt xhur, huwa ghandu qabel xejn jitlob l-awtorizzazzjoni tal-Qorti biex ikun jista' hekk jipprocedi.

L-artikolu precitat jistipula li f'kaz ta' rikors simili il-Qorti ghandha tisma' sa fejn possibbli lill-partijiet kollha interessati u tikkonsidra id-drittijiet tar-ragel u tal-wild.

Mix-xhieda prodotta mill-partijiet jirrizulta li r-rikorrent qatt ma kien fil-hajja taz-zewg minuri. Jidher li mill-bidunett, sa qabel it-twelid tal-ewwel wild, l-partijiet ma kienux qed jirrisjedu flimkien. Ir-ragel ma kienx fil-hajja tal-minuri sew ghaliex qatt ma iltaqa' maghhom jew iltaqa' maghhom f'okkazzjonijiet rarissimi kif ukoll ghaliex qatt ma hallas ghall-manteniment taghhom. Huwa veru li meta l-intimata kienet xahar u nofs tqila bl-ewwel wild hija kienet ipprezentat rikors quddiem is-Sekond' Awla izda dan ghamiltu ghall-manteniment *pendente lite* taghha u mhux tal-minuri. Inoltre jirrizulta wkoll li hija ma segwitx dan ir-rikors tant li ma gietx ipprezentata kopja ta' digriet.

Il-Qorti ma sabet l-ebda raguni ghaliex it-talba tar-rikorrent m'ghandiex tigi akkolta. Fi kwalunkwe kaz, proviso fl-Artikolu 73 fuq citat jipprovdi illi f'kaz li t-talba ghac-cahda tigi akkolta l-Qorti ghandha s-setgha li tippermetti lill-wild izomm il-kunjom li jkun igib sa dak iz-zmien. Ghalhekk, f'kaz li 'l quddiem ser jirrizulta li t-talba ta' *denegata paternita'* hija gustifikata, hemm mod kif jigu evitati d-diffikultajiet li jinholqu meta wiehed li jkun tfarfar fl-eta' ikollu jibdel kunjomu.

**Decide.**

Ghal dawn il-motivi taqta’ u tiddeciedi dan ir-rikors generali billi tichad l-eccezzjonijiet tal-intimata, tilqa’ t-talba tar-rikorrent u tawtorizzah jistiwixxi kawza sabiex jichad liz-zewg minuri F B u Abdel G B.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------